MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 369/2012

Il-Pulizija
(Spettur Dennis Theuma)
vs
**Jonathan Gatt**
iben Vincent, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Dicembru, 1980,
detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 78181(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jonathan Gatt, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f’dawn il-gzejjer fit-12 ta’ Frar 2011 ghal habta tas-6:30 ta’ fil-ghaxija gewwa il-lokalita’ tal-Belt Valletta:

1. bil-hsieb li jikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ PC364 David Borg wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzjoni tad-delitt billi saq il-vettura KBM 609 mudell BMW b’velocita eccessiva u b’manjiera perikoluza fid-direzzjoni ta’l-istess PC364 David Borg, liema delitt ma giex esegwiet minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu ai

termini tal-artikoli 41(1)(a), 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma halliex jew fixkel lill-Pulizija u cioe' lill-PS 579 A. Micallef, PC364 David Borg u PC10 T Cassar Mallia waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lil dawn il-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li dawn l-istess membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghamlu u dan ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta.

3. talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi saq il-vettura KBM 609 b'nuqqas ta' kont bi traskuragini jew b'mod perikoluz ai termini tal-artikolu 15(1)(a) tal-kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba:

i. titratta ma l-imputat Jonathan Gatt talli kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza datata 5 ta' Marzu 2010 moghtija mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D fejn gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

ii. tiskwalifika lil Jonathan Gatt milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan f'kaz ta' l-ewwel kundanna ghal zmien ta' mhux inqas minn tliet xhur, u f'kaz tat-tieni kundanna jew kundanna ohra wara ghal zmien ta' mhux anqas minn sena ai termini tal-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Lulju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(ee) u 17(d)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li lliberat lill-imputat mill-ewwel akkuza, sabitu hati tal-kumplament u kkundannatu ihallas multa ta' mitejn ewro (€200). Inoltre l-Qorti ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ta'l-imputat ghal zmien tlett xhur mil-lum.

Finalment wara li rat l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, Taqsima 4 u 6, artikolu 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, ikkundannat lill-imputat ghal multa ohra ta’ hames mitt ewro (€500).

Il-Qorti ordnat il-konfiska tal-vettura BMW bin-numru ta’ registrazzjoni KBM609, Dokument DT2, favur il-Gvern ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Jonathan Gatt minnu pprezentat fit-18 ta’ Lulju, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi:

1. tikkonfermaha in kwantu ghall-liberazzjoni fuq l-ewwel imputazzjoni,

2. tirrevoka s-sejbien ta' htija taht it-tieni u t-tielet imputazzjoni u tilliberah minnhom u minn kull htija skond il-Ligi, u l-konsegwenzjali htija a tenur taz-zewg talbiet tal-prosekuzzjoni,

3. tirrevoka l-ordni ta' konfiska fuq il-vettura KBM 609 tal-mudell BMW u

4. fil-kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija tal-esponenti, li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra nqas skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. It-tieni imputazzjoni

Ai fini ta' kjarezza ta' hsieb l-esponenti ser jirriproduci t-test tal-ligi li huwa ukoll it-test ta' din l-imputazzjoni.

"ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma halliex jew fixkel lill-Pulizija u cioe' lill-PS579 A. Micallef, PC364 David Borg u PC10 T.Cassar Mallia waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lil dawn il-membri tal-Korp

tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li dawn l-istess membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghamlu u dan ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta"

Illi l-prosekuzzjoni ddikjarat li din l-imputazzjoni hija kontravvenzjoni a tenur tal-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali, u ghaldaqstant hija ma kellhiex ghalfejn tipprova l-mens rea tal-esponenti stante li kontravvenzjoni tissussisti galadarba sehh l-agir prekluz mil-ligi.

Tqum ghaldaqstant il-mistoqsija, x'inhuwa l-agir prekluz mill-ligi fil-kaz odjern? Fil-kaz in ezami ghandna varji ipotezijiet.

i. *ma obdiex l-ordnijiet Legittimi tal-Pulizija*

Ix-xhieda kemm ta’ PS579, kif ukoll ta’ PC364, jishqu li meta PS579 fetah il-bieba tal- vettura tal-esponenti, huwa qallu biss il-kelma "pulizija". Ma kien ghadu tah ebda ordni.

L-uzu ta' din il-kelma sservi bhala mezz ta' identifikazzjoni ta' dik il-persuna li tkun pajzana fis-servizz, qabel ma tintwera l-‘identity card’ ufficjali tal-pulizija lis-suspettat.

Tista din il-kelma tigi nterpretata bhala ordni ta' twaqqif, biss jekk dak l-ufficjal tal- Pulizija jkun liebes l-uniformi jew jkollu lbies iehor [bhala rain jacket] bil-kliem "Pulizija" fuqu, fejn minhabba dan l-ilbies, l-identifikazzjoni tkun diga’ saret b'mod ovvju.

Huwa palesi li ma jezistix tentattiv ta' kommissjoni ta' kontravvenzjoni, sakemm ma jkunx hekk espress fil-ligi u dana a tenur tal-artikolu 41(2) tal-Kodici Kriminali. Fil-kaz odjern, mal-kontravvenzjoni odjerna ma hemrnx tali dikjarazzjoni. Jemergi ghalhekk li l-ewwel ipotesi ta' din il-kontravvenzjoni, ma sehhitx stante li l-esponenti ma nghata l- ebda ordni.

ii. *ma halliex jew fixkel lill-Pulizija u cioe’ lill-PS579 A. Micallef, PC364 David Borg u PC10 T .Cassar Mallia*

*waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi*

Lanqas din l-ipotesi tal-ligi ma' tezisti fil-fatt.

Dan qieghed jintqal stante li l-agir hawn ravvisat jiskatta meta l-agir tal-individwu jkun tali li jostakola lill-Pulizija.

Per ezempju, meta l-Pulizija, skont il-ligi, jkun qieghed jaghmel perkwizizzjoni u persuna tibda tilghab tad-difficli sabiex issib ic-cwievet tajba sabiex jinfetah bieb partikolari.

Fil-kaz odjern, trid issir il-prova li sabiex sehh dan it-tfixkil da parti tal-esponenti huwa ried jkun jaf x'kienu d-dmirijiet tal-pulizija indikati. Tali prova ma ngabet qatt.

iii. *ma halliex lil dawn il-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu*

Lanqas din il-prova ma ngabet.

Sabiex persuna tigi arrestata, jrid jezistu wahda minn zewg possibilitajiet:

a. jew in segwitu ghal mandat debitament mahrug taht il-firma ta' Magistrat, jew
b. il-persuna tinqabad in flagrante delicto .

It-tieni kaz ma huwiex applikabbli ghal kaz odjern u dana stante li filwaqt li l-pulizija kellha suspetti fuq l-esponenti li kien b'xi mod qieghed jikser xi dispozizzjoni tal-ligijiet li jirregolaw id-droga, fl-ebda hin ma xi wiehed minn dawn il-pulizija ma jixhed li qabel ma huma marru fuqu raw xi terz qieghed jixtri xi droga minghand l-esponenti, jew xort'ohra.

Lanqas l-ewwel ipotesi ma tissussisti stante li l-prosekuzzjoni, fl-ebda hin ma ppresentat il-mandat lilha moghtija sabiex l-esponenti jkun arrestat skont il-ligi.

Ghaldaqstant dato ma non concesso li xi opzjoni msemmija f'ii supra tezisti, l-element kostituttiv f'din il-parti ma jigix ippruvat.

*iv. u billi hassar jew gab fix-xejn dak li dawn l-istess membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghamlu*

Bir-rispett, l-esponenti jemmen li kull parti f'dawn il-proceduri, tista taqbel li l-Pulizija nvoluti f'dan il-kaz, ma kienx ghadhom ghamlu xejn, Ghaldaqstant l-esponenti fl-ebda hin ma gab fix-xejn xi haga li huma kienu diga ghamlu!

Bl-akbar rispett jikkontendi li l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih hija mezz ghal fini tar-raba' imputazzjoni u ghaldaqstant ai termini tal-artikolu 17(f)(h), l-esponenti ma kellhux jinghata piena specifika ghas-sejbien ta' htija taht l-ewwel imputazzjoni.

2. Is-sejbien ta' htija taht it-tielet imputazzjoni

A. *Generali*

Illi din l-imputazzjoni hija delitt, ghaldaqstant il-prosekuzzjoni kellha d-dmir li tipprova l-intenzjoni tal-esponenti.

B. *Tlett akkuzi f'wahda.*

Il-gurisprudenza tghallem kif il-grad rikjest fil-ligi sabiex Qorti tkun tista jiddetermina jekk is-sewqan mertu tal-kaz, kienx wiehed bla kont, jew traskurat jew perikoluz, hija kollha kwistjoni tal-provi migjuba.

Fil-kaz odjern, tqum il-mistoqsija naturali, mhux dwar kemm kien l-ispeed li kien qieghed jsuq bih l-esponenti, izda dwar x'tip ta' intenzioni kellu l-esponenti meta huwa saq minn fuq il-post?

L-esponenti jtenni li bil-manuvra li ghamel huwa ma laqat lil hadd u lanqas qatt ma seta' jolqot lil hadd. Kien proprju

a bazi ta' hekk li l-Ewwel Onorabbli Qorti ddikjaratu mhux hati tal-ewwel imputazzjoni.

Ghaldaqstant jemergi, u jikkonkludi l-esponenti, li s-sewqan tieghu, bil-forma mentis tieghu dak il-hin tal-akkadut, kien li jahrab minn fuq il-post [sia jekk biex jahrab lill- pulizija ghax kien jaf li huma pulizija skont it-tezi tal-prosekuzzjoni, u sia jekk kienet li jahrab minn fuq il-post, minhabba r-raguni minnu moghtija fix-xhieda tieghu] l-intenzjoni tieghu kienet sic et simpliciter li jahrab, pero' minghajr ma jidrob lil hadd.

Ghaldaqstant galadarba l-provi juru x'tip ta' manuvra ghamel l-esponenti sabiex ma jwegga' lil hadd, kif qatt jista' jkun meqjus li s-sewqan tal-esponenti kien wiehed perikoluz, meta anzi l-esponenti kien oltre minn diligenti li agixxa biex zgur ma jwegga lil hadd? U fil-fatt ma wegga hadd. A bazi ta' hekk, l-esponenti jishaqq, minghajr pregudizzju, li semmai huwa seta' jinstab hati ta' sewqan bi speed eccessiv u mhux ta' din l-imputazzjoni.

3. Il-piena

Dan l-aggravju qieghed jingab minghajr pregudizju ghall-aggravji kollha precedenti u f'kaz li dina l-Qorti tikkonferma xi sejbien ta' htija fuq l-esponenti.

Illi l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, fl-ebda parti tas-sentenza ma gie citat fid-decide tal-Qorti tal-Magistrati. Bid-dovut rispett, l-Ewwel Qorti qatt ma kellha s-seta' li tordna l-konfiska tal-vettura mudell BMW b'numru ta' registrazzjoni KBM 609. Dato ma non concesso li din il-vettura kienet il-corpus delicti, l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, jishaqq li ma jistax jkun hemm konfiska ta' dak l-oggett, jekk fuq l-oggett innifsu jkun hemm drittijiet ta' terzi persuni mhux involuti fil-kaz,

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat in-nota ta' referenzi tal-appellant tal-11 ta' Dicembru, 2013.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz jirrigwarda l-agir ta' l-appellant fil-gurnata u fil-hin indikat fl-akkuza fejn skont l-akkuzi migjuba kontra tieghu hu pprova jikkaguna ferita ta' natura gravi fuq PC364 David Borg, ma obdiex l-ordnijiet tal-pulizija u saq il-vettura tieghu b'nuqqas ta' kont jew b'mod perikoluz.

Illi kif jirrizulta mis-sentenza appellata l-appellant gie liberat mill-ewwel akkuza u din il-Qorti ma ghandha xejn aktar x'izzid fuq din l-akkuza billi jaqbel perfettament mar-ragunijiet indikati mill-ewwel Qorti.

Illi dwar l-akkuzi l-ohra wara li din il-Qorti analizzat bir-reqqa l-provi migbura, issib ruhha in sintonija mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti. L-argumenti migjuba mill-appellanti huma ferm interesaanti izda l-ewwel Qorti lahqet il-konkluzjonijiet taghha b'mod li ma hemm xi tghid. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda ghmelet apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha.  Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Illi haga li thalli perplessa lil din il-Qorti hu l-fatt kif il-pulizija ma rnexxielix tostakola l-vettura tal-appellant fi triq li hi pjuttost dejqa.  Hu car li l-korp ghandu jharreg lis-sewwieqa tieghu b'mod ahjar u mhux kull pulizija hu necessarjament sewwieq tajjeb.

Illi l-ahhar aggravju tal-appellanti hu l-konfiska tal-vettura tieghu.  Mill-provi prodotti jirrizulta li l-vettura in kwistjoni hi

registrata fuq ismu mill-10 ta’ Dicembru, 2010. Hu kien xtara din il-vettura minghand Charles Portelli li fil-21 ta’ Frar, 2012 kien xehed li l-appellant kien xtara l-vettura bil-kambjali. Hu xehed li appellant kien jonqsu jhallas sitt (6) kambjali ta’ mitejn u tletin euro (€230) ‘il wahda. L-appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti ma setghet qatt tordna l-konfiska tal-vettura a bazi tal-artikolu 23(1) tal-Kodici Kriminali. L-abbli difensur tal-appellant ghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta’ Mejju, 2004 fl-ismijiet: ‘Il-Pulizija v. Aaron Bugeja’ fejn saret referenza ghal sentenza ohra moghtija fis-16 ta’ Dicembru, 2003 fejn il-Qorti ffissat il-parametri li ghandhom jigu utilizzati fl-ambitu ta’ l-ahhar parti tal-artikolu 23(1) tal-Kodici Kriminali. Jirrizulta minghajr ebda dubju li Charles Portelli ma kellu ebda sehem f’dak li ghamel l-appellant. Id-domanda tqum: Charles Portelli ghandu jedd fuq il-vettura? Mir-records tat-Transport Malta ma jirrizulta ebda jedd. Fil-fatt, Charles Portelli seta’ jikkawtela l-jedd tieghu billi japplika taht ir-Regolament 27 tal-ligi sussidjarja 368.02, li fl-antika kienet maghrufa bhala r-Regolament 25. Dan ma jirrizultax li sar. Fit-tieni lok, il-kreditu ta’ Charles Portelli hu limitat ghall-fatt li hu ghandu fil-pusess tieghu sitt kambjali li ma gewx imhallsa mill-appellant. Kif wiehed ben jaf il-kambjala ghandha hajja awtonoma li ma ghandha xejn x’taqsam mal-fatt li din il-vettura tista’ tigi konfiskata favur il-Gvern ta’ Malta. Ghal dawn ir-ragunijiet dan l-aggravju ma jistax jigi milquh.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi mill-appell billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------